# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, 15 ta' April, 2021**

**Rikors Numru 508/21TA**

**Cherubino Limited (C-3677)**

**vs**

**(i) Dipartiment tal-kuntratti; u**
**(ii) *Central Procurement & Supplies Unit***

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' Cherubino Limited (is-Soċjeta' rikorrenti) tat-8 ta' April 2021;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' April 2021 li permezz tiegħu laqgħet it-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti provvisorjament sakemm din il-Qorti tipprovdi definittivament dwarhom;

Rat ir-risposta tad-Dipartiment tal-Kuntratti tat-12 ta' April 2021;

Rat ir-risposta ta' Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), presentata fit-12 ta' April 2021;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Is-Soċjeta' rikorrenti qed titlob li l-Awtoritajiet intimati jinżammu milli:

"*direttament jew indirettament twettaq jew tagħti struzzjonijiet biex titwettaq, u/jew timponi kwalunkwe purchase on account għal xiri ta' Fludeoxyglucose F-18 Injections minn terzi u tiddebita l-prezz tal-istess xiri fuq il-kont li s-soċjeta' rikorrenti għandha mal-istess intimata CPSU u Dipartiment tal-kuntratti, jew minn minnhom unilateralment ikun qed isir għad-detriment tas-soċjeta' rikorrenti bir-riżultat li l-intimata CPSU tkun qed abbużivament tikkaġuna konsegwenzi serji u gravi lill-istess soċjeta' rikorrenti.*

*Direttament jew indirettament tiddebita xi spejjeż ta' xiri fuq il-kont tas-soċjeta' rikorrenti, u dana stante li qiegħed isir da parti tal-intimata CPSU u Dipartiment tal-kuntratti, jew minn minnhom unilaterlament, abbużivament u bi ksur inter alia ta' artikolu 1196 et seq. tal-kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Illi in vista tal-urgenza tal-każ, u taċ-ċirkostanzi temporali tal-każ, is-soċjeta' rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' provviżorjament din it-talba taħt kull provvediment li jidhrilha opportuna fiċ-ċirkostanzi.*"

L-intimati jwieġbu li dak li bi ħsiebhom jagħmlu huwa dritt tagħhom fil-liġi u dan fid-dawl ta' kull ftehim. L-intimata CPSU tgħid li dan huwa dritt tagħha fid-dawl tal-artikolu 21 tal-ftehim ossia General Conditions for Supply Contracts (a' fol 8).

Il-Qorti tfakkar li jkun xi jkun l-esitu ta' dawn il-proċeduri dan ma jnaqqas xejn mill-pretensjonijiet u difiżi rispettivi tal-partijiet inkwantu jirrigwarda l-azzjoni sostanzjali. Din il-Qorti hija hekk adita biex tara jekk prima facie r-rikorrenti għandhomx xi dritt x'jittitulaw ai fini ta' dawn il-proċeduri biss. Tintlaqa' jew ma tintlaqax talba għall-ħruġ ta' Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat jew intilef (ara **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti deċiża fil-31 ta'Jannar 2011 per Onor Imħallef J. Zammit McKeon**). Is-sustanza tal-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet f'dawn il-proċeduri għad trid tkun ikkunsidrata *ad funditus* minn dik il-Qorti li ġiet adita biex tikkunsidra mertu propju. L-anqas wieħed irid jinsa li l-Qorti trid tkun ukoll gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma' għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b`leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. (ara **digriet PA/JRM fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005**).

Jibda biex jingħad li fir-risposta tiegħu, paragrafu 3, id-Direttur tal-Kuntratti jiddikjara ċar u tond li ma huwiex bi ħsiebu jwettaq xi wieħed mill-għemejjel li għalihom qed jintalab il-ħruġ ta’ dan il-mandat ta’ inibizzjoni. Għalhekk fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta, it-talba għall-ħrug ta’ mandat mhux ser tkun milqugħa.

Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti, partikularment il-ftehim li jesisti bejn is-Soċjeta’ Rikorrenti u l-intimat CPSU. Mill-provi jirrisulta li l-prodott li trid tissuplixxi s-Soċjeta’ rikorrenti, li fih materjal radju attiv, jinxtara mill-Italja u għandu *shelf life* ta’ ftit siegħat. Dan jasal Malta bl-Airmalta minn Ruma. Qed jingħad li l-kumpanija tal-ajru inkwistjoni issospendiet dawn it-titjiriet f’jumejn minnhom fil-ġimgħa minħabba l-pandemija. Għalhekk fejn fi ġranet oħra qed isiru s-supplies, f’dawn il-ġranet l-oħra weqfin.

Minn naħa l-oħra l-Istat Malti tramite CPSU beda jixtri dan il-prodott f’dawk il-ġranet fejn ma hemmx titjiriet minn Ruma, mingħand ħaddieħor u dan bi prezz ħafna akbar minn dak miftiehem bejn il-partijiet. Qal ukoll li għalhekk dawn ser ikun qed inaqqashom minn “*performance guarantee*” li provdiet is-Soċjeta’ rikorrenti in garanzija tal-inadempiment varji tal-kuntratti li għandha mal-intimat CPSU, inkluż dak odjern.

Is-Soċjeta’ rikorrenti qed tilmenta li dan ma jistax isir għaliex il-pandemija tikkostitwixxi forza maġġuri. Artikolu 38.2 tal-kundizzjoni ġenerali jipprevedi ċirkostanza simili (a’ fol 13 art 38.8). Artiklu 38.2 jiddefinixxi x’jikkostitwixxi forza maġġuri u fost is-sensiela ta’ istanzi elenkati hemm dik ta’ “epidemics”. Ma

hemm ebda dubbju li l-imxijja tal-Covid19 hija pandemija. Din il-Qorti ma tistax ma tieħux *judicial notice*, ta' kemm l-Istat Malti qiegħed jieħu bis-serjeta' din is-sitwazzjoni bid-diversi miżuri radikali li ġustament ħa, anke b'effett avvers fuq l-ekonomija tal-pajjiż. Il-Qorti ħadet ukoll kont ta' dak li ssottometta l-abbli difensur ta' CPSU, li hemm sors ieħor minn fejn il-prodott seta' jinxtara. Għalkemm dan jista jkollu validita' bħala argument quddiem dik il-Qorti li tkun adita biex tapprofondixxi l-vertenza fis-sustanza tagħha, ai fini ta' dawn il-proċeduri ma jidhirx li għandha siwi.

Għal din il-Qorti huwa biżżejjed ir-rejalta' pandemika li għaddejjin minnha u li din kienet saħansitra prevista u anke definita mill-ftehim ta' bejn il-partijiet. Għalhekk meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha kkonvinċiet ruħha li s-Soċjeta' rikorrenti għandha *prima facie* jedd li tħares jedd li tippretendi li għandha.

L-intimat CPSU qed jargumenta ukoll li fi kwalunkwe każ, id-danni li ser issofri s-Soċjeta' kurrenti huma danni ta' natura pekunjarja. Danni ta' dawn xorta ma humiex irriversibbli u għalhekk ma jiġġustifikax li għandu jinħareġ mandat ta' inibizzjoni. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li parti għal mandat hemm wara l-intimat CPSU l-Istat Malti li joffri garanzija ta' ħlas aktar soda minn persuna privata.

Is-Soċjeta' rikorrenti spjegat li li kieku kellhom ikunu addebitati l-ħlasijiet kollha li qed jagħmel l-intimat CPSU lill-perfomance guarantee dan ikun ifisser nefqa ta' €300,000 fix-xahar. L-anqas huwa magħruf sewwa sew meta ser jibda s-servizz regolari tal-ajru fil-ġranet li ma jsirux titjiriet.

Huwa minnu li r-regola ġenerali hi li danni kwantifikabbli fi flus, ma jimmeritawx li talba bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti tintlaqa'. Imma għal din ir-regola hemm eċċezzjonijiet ukoll b'mod partikulari meta dawn id-danni jistgħu iġibu konsegwenzi fuq min ikun qiegħed jitlob il-ħruġ tal-mandat, li jkunu irrimedjabbli. Każ partikulari huwa dak meta l-persuna b'konsegwenza tat-terz, għalkemm ma tintlaqatx direttament fl-attivita' li tkun qed twettaq, in-nuqqas ta' likwidita' tista' tikkrejalha sitwazzjoni fejn dik l-attivita' tiġi kollateralment effettwata b'mod ħażin u irreversibbli.

Fid-**Digriet fl-ismijiet Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et, Prim Awla, tat-13 ta' Mejju 2014** intqal li "*huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax* ***ġeneralment*** *fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.*" (Enfażi ta' din il-Qorti). Għalhekk hija regola ġenerali u mhux assoluta.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett ta' dawn il-proċeduri. Qieset l-ammont sostanzjali ta' flejjes involuti. Il-problemi finanzjarji, li possibilment tista' tiltaqa' magħhom is-Soċjeta' konvenuta, jekk il-performance guarantee li għandha għal erbgħa kuntratti b'kollox, fosthom dak odjern, tinxtorob kollha konsegwenzjalment għall-prezzijiet ħafna aktar ogħla li bihom qed jixtri l-intimat CPSU fil-każ odjern. Jekk din is-sitwazzjoni tipperdura tassew tista' twassal għal danni li jkunu rriversibbli fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija.

Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija, fil-waqt li qed tiċħad it-talbiet fil-konfront tal-intimat Direttur tal-Kuntratti għar-raġunijiet fuq spjegati, qed tilqagħhom definittivament fir-rigward tal-intimat Central Procurement & Supplies Unit u konsegwenzjalment qed tikkonferma ukoll id-digriet provvisorju tagħha tat-8 ta' April 2021 fil-konfront biss tal-intimat Central Procurement & Supplies Unit u allura tvarjah f'dan is-sens.

Spejjes ta' din il-procedura kollha a' karigu tal-intimat Central Procurement & Supplies Unit.

**Mogħti kameralment illum 15 ta' April, 2021.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**